MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Numru. 767/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**KONTRA**

**LEE BROMIDGE ta' 34 sena, iben il-mejjet Alan William u Miriam nee' Portelli, imwieled nhar id-19 ta' April, 1975 fi Plymouth, l-Ingilterra, residenti fil-fond numru 50, Triq Lampuka, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 233191M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **LEE BROMIDGE**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta' Lulju, 2005 ghall-habta tas-sitta neqsin ghaxar minuti ta' fil-ghaxija fil-Hamrun, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Federico Vella, liema serq

huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100.00), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 367 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju Lee Bromidge irregistra li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, dan tenut kont ukoll tal-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat pero li fl-istqarrija pprezentata mil-Ispettur Ramon Cassar, DOK RC folio 17 et seq, l-imputat ammetta s-serq lilu addebitat fl-akkuza.

Xehed ukoll Fredrick Vella – sid l-ispizerija misruqa, li apparti li gharaf lill-imputat bhala l-persuna li dahlet ghandu qabel is-serqa, ikkalkula wkoll illi gie misruq is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00).

Rat ukoll illi fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Ottubru, 2008 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Donald Pace Bonello dwar il-progress li ghamel zat fi hdan il-Caristas.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni tieghu qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-fedina penali tieghu;
Semghet illi in parte r-res furtiva giet ritornata;
Regghet semghet lil Donald Pace Bonello;
Qieghda ghaldaqstant tillibera lil Lee Bromidge bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------